# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, il-Gimgħa 23 ta' Ġunju, 2017

**Rik. Nru. 134/17JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 134/17 fl-ismijiet:

Mary *sive* Myriam **BUĦAĠIAR**

vs

Carmelo *sive* Charles **BUĦAĠIAR**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-24 ta' Mejju, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbet li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżomm lill-intimat żewġha milli "jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi u/jew jiddisponi *inter* vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi ishma li huwa għandu fis-soċjetajiet Marina Caterers Limited (C – 33908), The Village Development (P – 1558) u D.B.R. Investments Limited (C – 27129), …. u milli jkompli jiggrava l-komunjoni tal-akkwisti b'piżijiet u passivita' b'mod partikolari għandu jiġi inibit milli jagħmel użu minn faċilitajiet ta' *overdraft* f'ismu u f'isem is-soċjetajiet Marina Caterers Limited (C –

33908), CA Developers Limited (C – 19875), The Village Development (P – 1558) u D.B.R. Investments Limited (C – 27129) mal-banek lokali ġaladarba tali użu ser iservi biex jiggrava u jippreġudika l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti; kif ukoll jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti billi jikkonċedi kwalsijasi drittijiet lil terzi inkluż ċnus u kirjiet";

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Mejju, 2017, li bih laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju, ordnat in-notifika lill-intimat bi żmien għat-tweġiba, u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-8 ta' Ġunju, 2017;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fit-2 ta' Ġunju, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqa' għat-talba għall-ħruġ tal-Mandat billi, filwaqt li huwa ikkonferma li huwa direttur jew azzjonist jew sieħeb fis-soċjetajiet kummerċjali msemmija mir-rikorrenti, qal li ma huwiex waħdu fl-imsemmija soċjetajiet u lanqas huwa azzjonist jew sieħeb maġġoritarju. Madankollu, huwa qal li ma joġġezzjonax li jkun inibit. Ġibed l-attenzjoni għall-fatt li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat inħarġet kontrih personalment u ma sarx ukoll f'isem l-istess soċjetajiet li għandu minnhom. Żied jgħid li l-faċilitajiet ta' *overdraft* bankarji li jgawdu l-imsemmija soċjetajiet ma jgħabbu bl-ebda mod lill-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejnu u martu r-rikorrenti għaliex dawn ingħataw għall-benefiċċju tal-istess soċjetajiet u mhux għall-gwadann tiegħu jew tal-imseħbin l-oħrajn. Temm jgħid li biex jinħalqu djun li jgħabbu l-komunjoni tal-akkwisti, jeħtieġ dejjem il-kunsens tar-rikorrenti nnifisha u djun bħal dawn mhemmx il-ħsieb li jsiru. Għalhekk, filwaqt li ma jsibx oġġezzjoni li l-Qorti żżommu milli jbigħ, ineħħi, jitrasferixxi u/jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi ishma li huwa għandu fis-soċjetajiet imsemmija, tenna li l-Qorti għandha tiċħad it-talba tar-rikorrenti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors, magħduda nota mressqa mir-rikorrenti waqt is-smigħ;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Ġunju, 2017, li bih ħalliet ir-rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrenti qiegħda titlob li żewġha l-intimat jinżamm milli b'xi mod ibiegħ, ineħħi, jittrasferixxi u/jew jiddisponi *inter* vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi ishma li huwa għandu fis-soċjetajiet Marina

Caterers Limited (C – 33908), CA Developers Limited (C – 19875), The Village Development (P – 1558) u D.B.R. Investments Limited (C – 27129), …. u milli jkompli jiggrava l-komunjoni tal-akkwisti b'piżijiet u passivita' b'mod partikolari għandu jiġi inibit milli jagħmel użu minn faċilitajiet ta' *overdraft* f'ismu u f'isem is-soċjetajiet Marina Caterers Limited (C – 33908), CA Developers Limited (C – 19875), The Village Development (P – 1558) u D.B.R. Investments Limited (C – 27129) mal-banek lokali ġaladarba tali użu ser iservi biex jiggrava u jippreġudika l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti; kif ukoll jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti billi jikkonċedi kwalsijasi drittijiet lil terzi inkluż ċnus u kirjiet;

Tqis li r-rikorrenti nediet kontra l-intimat proċeduri għall-firda personali li bħalissa jinsabu fl-istadju tal-medjazzjoni;

Tqis li għalkemm l-intimat huwa azzjonist jew sieħeb fis-soċjetajiet imsemmijin fir-rikors (u f'waħda minnhom huwa wkoll segretarju), fl-ebda waħda minnhom ma huwa azzjonist jew sieħeb maġġoritaju[1] u l-ishma miksubin minnu huma kollha mħallsin ("*fully paid up*"). Huwa wkoll direttur fis-soċjetajiet imsemmija kollha u f'waħda minnhom huwa d-direttur waħdien;

Tqis li l-Mandat li r-rikorrenti qiegħda titlob il-ħruġ tiegħu llum huwa wieħed iressaq taħt l-artikolu 876 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tqis li wieħed m'għandux jinsa li t-talba tal-Mandat tal-lum hija waħda li hija maħsuba li tikkonserva bla mittiefes u fl-istat attwali l-ġid tal-komunjoni li għalih il-Mandat jista' jirreferi;

Tqis għalhekk li, ladarba t-talba tar-rikorrenti hija waħda għal ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, il-fatt li hija trid tħares l-interessi tagħha fil-komunjoni tal-akkwisti u ssemmi l-biżgħa li titlef tali ħarsien jekk kemm-il darba ma kellhiex tintlaqa' t-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat, jikkostitwixxi fil-fehma ta' din il-Qorti, it-tismija tal-pretensjoni li l-liġi titlob mir-rikorrenti;

Tqis ukoll li din il-ħtieġa tintrabat mal-fatt waħdu li jkunu mqar inbdew proċeduri dwar firda personali, imqar jekk dan ikun għadu fi stadju ta' medjazzjoni;

Tqis li l-intimat ma jopponix li, safejn jirrigwarda lilu, il-Qorti tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat. Madankollu, huwa jgħid li l-Qorti għandha tiċħad it-talba ladarba r-rikors ma sarx ukoll kontra s-soċjetajiet imsemmija;

[1] Dokti f'paġġ. 6 sa 10 tal-atti

Tqis li din il-pożizzjoni tal-intimat mhijiex mistħoqqa. Jidher mill-mod kif inhi mfassla t-talba tar-rikorrenti u tal-Formola li biha nqdiet, li t-talba saret tista' tgħid kelma b'kelma ma' dak li jippreskrivi l-artikolu 876(1) tal-Kap 12. Madankollu, b'lejalta' u b'mod korrett, ir-rikorrenti ma setgħetx tirriproduċi wkoll is-subartikolu 876(1)(b) jew li tgħodd lis-soċjetajiet interessati bħala intimati f'din il-proċedura, ladarba dak jista' jsir biss fejn joħroġ li l-parti intimata jkollha l-maġġoranza tal-ishma f'tali soċjeta'[2]. Kif rajna, l-intimat mhuwiex azzjonist maġġoritarju fl-ebda waħda mill-kumpanniji u lanqas sieħeb maġġoritarju fil-*partnership* imsemmija;

Tqis li, safejn jirrigwarda l-imġiba tal-imsemmija soċjetajiet f'dawk li huma s-setgħat li l-liġi tagħtihom, it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat ma tistax tindaħal u lanqas ikollha rabta. Madankollu, safejn deċiżjonijiet li jittieħdu f'dawk is-soċjetajiet ikunu ġejjin mill-intimat jew jiddependu minnu (b'mod partikolari fejn diġa' ħareġ li huwa direttur waħdien), ir-rabta tal-Mandat tgħodd għalih fil-vesti personali u fil-vesti tiegħu ta' direttur jew azzjonist u ma jistax jinsatar wara l-"velu" tas-soċjetajiet li mhumiex intimati f'din il-proċedura biex jagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni li l-Qorti sejra tagħti (u li, wara kollox, huwa nnifsu stqarr li ma jopponix);

Tqis għalhekk li ntwera tajjeb biżżejjed li jirriżultaw l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat** ladarba jirriżultaw l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu, u dan fil-limitazzjonijiet hawn fuq imfissrin, bl-**ispejjeż** kontra l-intimat.

Mogħti kameralment illum, it-23 ta' Ġunju, 2017.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna,**
**Deputat Reġistratur**

[2] Ara f'dan ir-rigward P.A. LM **8.6.2017** fl-atti tar-rikors fl-ismijiet ***Mary Saliba vs Joseph Saliba***